MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-25 ta' April, 2007

Avviz Numru. 64/2002/1

**Paul Josef Vassallo f'ismu proprju bhala socju tas-socjeta 'Where's everybody u b'digriet tat-3 ta' Ottubru 2002 gew kancellati sitt kelmiet.**

**V**

**Felix Agius**

**Il-Qorti:**

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Jannar 2002 l-attur ipprezenta avviz fir-registru ta' din il-Qorti fejn talab lill-Qorti tikkundanna prevja dikjarazzjoni illi l-artikolu ta' *'Where's everybody' "Jaharbu" ippublikat f'pagna sitta (6) tal-gazzetta **"Kulhadd"** fid-disgha ta' Dicembru 2001 (kopja hawn annessa u markata bhala Dok. A) li tieghu l-konvenut huwa editor, jikkostitwixxi malafama fil-konfront ta' l-attur li l-ghan taghha huwa li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni ta' l-istess attur, ihallas lill-attur dik is-somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti f'ammont li ma jeccedix il-hamest elef lira Maltin (LM5,000) a tenur tal-*

*artikolu 28 ta' l-Att dwar l-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta).*

Rat illi nhar il-hamsa w ghoxrin [25] ta' Frar 2002 il-konvenut ipprezenta nota tal-eccezzjonijiet tieghu fejn eccepixxa li:-

1. Illi preliminarjament il-konvenut eccepixxa il-*lis alibi pendens* a tenur ta' l-artikolu 792 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi in linea preliminari ukoll il-konvenut jeccepixi illi l-attur m'ghandux personalita guridika kwindi m'ghandux *standi iudicio* fi proceduri legali u li ghaldaqstant il-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

3. Illi l-artikolu in kwistjoni mhuwiex libelluz fil-konfront ta' l-attur.

4. Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit il-fatti imsemmija jikkonsistu f'rapurtagg gurnalistiku dwar kwistjonijiet ta' interess pubbliku accettabbli f'socjeta demokratika, kemm taht il-ligijiet ta' l-Istampa kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropea dwar il-libertajiet Fondamentali u Drittijiet tal-Bniedem.

5. Illi in kwantu l-artikolu jikkontjeni kummenti, dwan jikkonsistu *f'fair comment* maghmul in *buona fede* dwar fatti sostanzjalment veri u fuq kwistjoni ta' interess pubbliku accettabli f'socjeta demokratika kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

6. Salv eccezzjonijiet uletrjuri.

Illi nhar l-ewwel ta' Marzu 2002 l-avukat difensur tal-attur sabiex tigi eliminata kull possibilta ta' konfuzjoni, ddikjara, illi l-attur kien qed jagixxi f'ismu biss u mhux ghan-nom ta' haddiehor. F'dan l-istadju l-avukat difensur tal-konvenut irtira t-tieni eccezzjoni preliminari tieghu.

Illi in sostern tal-eccezzjoni tieghu tal-*lis alibi pendens* id-difensur tal-konvenut esebixxa permezz ta' nota prezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar s-sitta w ghoxrin ta' Marzu 2002 kopja ta' avviz numru 63/02 li gie mmarkat bhala dokument FA1 fl-ismijiet Joseph Azzopardi, Lou Bondi u Paul Josef Vassallo bhala socji tas-socjeta *'Where's Everybody' vs* Felix Agius liema kienet giet appuntata quddiem din il-Qorti diversament preseduta.

Illi nhar sbatax ta' Marzu 2002, l-attur ipprezenta permezz ta' nota kopji ta' zewg estratti mill-'*Partnership Deed'* tas-socjeta civili *'Where's Everybody'* awtentikata minn Nutar Dottor Rachael Busuttil u mmarkati bhala dokument PJ 1 u dokument PJ 2.

Illi nhar tlieta ta' Ottubru 2002, deher l-avukat difensur tal-attur li ddikjara s-segwenti:- *"illi l-kliem fl-avviz 'bhala socji tas-socjeta Where's Everybody' ma jikkwalifikawx il-kwalita li fih l-attur qed jagixxi izda huma intizi biss biex jindikaw l-interess guridiku tal-konvenut. Infatti 'l-konguntiv' u ma giex inkluz. Ghalhekk biex jigi eliminat kull dubbju talab korrezzjoni fl-okkju tal-avviz fis-sens li jigu kancellati l-kliem 'bhala socji tas-socjeta Where's Everybody' wara l-kliem 'f'ismu proprju."*

Illi b'digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta laqghet it-talba attrici u ordnat il-kancellament tal-kliem kif mitlub u ordnat li l-konvenut jigi notifikat mill-gdid bl-okkju kif korrett.

Nhar l-erbatax ta' Mejju 2003, l-attur ghamel referenza ghax-xhieda li kien ta' quddiem din il-Qorti diversment preseduta fil-kawza avviz numru 63/02 fuq imsemmija u talab li dik ix-xhieda tigi inserita f'dawn l-atti u tigi meqjusa daqs li kieku inghatat f'din il-kawza. Il-konvenut accetta li din id-deposizjoni ghandha titqies bhal li kieku inghatat f'dawn in proceduri.

Nhar l-erbatax ta' Mejju 2003 l-attur pprezenta ittra datata tlieta ta' Mejju 2002 immarkata bhala dokument PJ 1, traskrizzjoni tax-xhieda li ta s-sur Anthony Tabone fis-seduta quddiem din il-Qorti diversament preseduta nhar

tmienja ta' Mejju 2002 li giet markata bhala dokument PJ 2, u kopja legali tad-dokumenti pprezentati mill-istess Anthony Tabone waqt l-istess seduta li gew markati bhala dokument PJ 3.

Minn esami tat-traskrizzjoni tax-xhieda ta' **Anthony Joseph Tabone** li ta nhar t-tmienja ta' Mejju 2002 quddiem il-Qorti diversament preseduta jirrisulta li dan Tabone jokkupa l-kariga ta' chairman tal-*Public Broadcasting Service Limited*. Qal li is-socjeta tieghu tiehu hsieb ta' kul sena torganizza l-programm ta' L-Istrina bl-iskop li jingabru l-flus ghall-karita. Jispjega li normalment iwaqfu Bord biex jiddecidi fejn ghandhom imorru l-flus li jingabru f'dan il-programm. Jghid li fil-fatt kien inkariga lil Joseph Azzopardi flimkien mat-team tieghu ta' *Where's Everybody* sabiex itellghu dan il-programm.

Qal li tul l-programm huma ihalsu lill-impjegati tal-PBS li ikunu qed jahdmu tul l-organizazzjoni tal-programm u il-kiri tad-dawl. Huwa esebixxa kopja tal-accounts li gew markati bhala document AJT 1 illi jindikaw il-hlasijiet li saru a bazi ta ricevuti li jigu prezentati. Qal ukoll li dawn l-accounts jigu ukoll ippublikati. Kummissjonijiet ma jithalsux f'dan il-programm u qatt ma giet diskussa din il-kwistjoni lanqas. Mistoqsi jekk hemmx kuntratt bejn il PBS u d-dirigenti ta' *Where's everybody* x-xhud wiegeb fin-negattiv. Ikkonfrma li l-*accounts* jigu *vetted* mill-*financial controller* tal-PBS huwa *certified public accountant.*

Illi l-attur ipprezenta ukoll kopja ufficcjali tax-xhieda li ta *Lou Bondi, Peppi Azzopardi u l-attur* stess fl-atti tal-kawza avviz numru 63/02 SM fuq imsemmija ligew immarkati bhala document PJV 1.

Illi **Joseph Azzopardi** kien xehed nhar l-hmistax ta' Marzu 2002 quddiem din il-Qorti diversament preseduta f'kawza ohra fuq imsemmija u qal principalment li huwa ukoll hass ruhu ingurjat bl-artikolu in desamina u cioe fejn hemm imnizzel illi l-kumpanija *Where's Everybody* tiehu xi kummissjoni minn fuq il-programm televisiv 'l-Istrina' u

dan ghaliex mhu veru xejn. Jispjega ukoll dak li qal l-attur dwar li l-accounts jigu publikati u ezaminati mill-financial controller tal-PBS.

Ikkonferma ukoll li l-kumpanija Where’s Everybody ma taghzilx hi l-beneficjarji u lanqas ma tqassam il-flus li jingabru fosthom mill-Maltacom ghaliex dawn jingabru mill-PBS direttament u in effetti tkun hi li tqassamhom. Qal li mill-fondi li jingabru jithalsu l-ispejjes kollha kif hemm indikati fl-*accounts* li jigu pubblikati waqt *press conference* u kopja taghhom jinghataw sahansitra lil press ukoll.

Illi **Lou Bondi** ukoll kien xehed fil-kawza l-ohra u minn esami tat-traskrizzjoni tax-xhieda tieghu esebita fl-atti a fol.48 jirrisulta li qed jikkonferma dak kollu li qal Joseph Azzopardi attur fil-kawza fuq indikata.

L-attur **Paul Josef Vassallo** minn jeddu xehed nhar id-dsatax ta’ Mejju 2004 u spjega waqt li ghamel referenza ghad-dokument A a fol. 2 tal-atti u cioe ghall-artikolu li deher fil-gurnal l-Kulhadd nhar id-disgha ta’ Dicembru 2001 li huwa hass ruhu ingurjat bil-kumment illi huma ta’ ‘*Where’s Everybody’* jiehdu xi kummissjoni fuq il-gbir li jsir waqt il-programm.

Ghamel referenza ghas-sitt paragrafu fl-ewwel kolonna u dan ghaliex mhux minnu assolutament xejn li huma jiehdu xi kummissjoni fuq il-flus li jigbru u ddikjara li huma jaghtu l-hidma taghhom esklussivament b’mod volontarju.

L-uzu tal-kelma *‘omerta’* twegghu ukoll u dan fejn gie allegat fil-gurnal li *‘Where’sEverybody’* tipprattika l-‘omerta’ ghas-sagrificcju tat-trasparenza. Jispjega li dan il-kumment jinsab fir-raba u l-hames kolonna. It-titolu stess ukoll jindika illi l-kumpanija ta’ ‘*Where’s Everybody’* ghandha xi haga li tixtieq tahbi. Jikkonferma illi huwa partner kemm ma Lou Bondi kif ukoll ma Peppi Azzopardi f’din il-kumpanija. Jghid li l-gbir tal-fondi jsir waqt il-programm li jigi audited mill PBS stess u ma ma jidhlux fihom huma.

Ghamel referenza ukoll ghax-xhieda li kien ta quddiem Qorti ohra liema xhieda tinsab esebita fl-atti a fol. 50 u fol.51 ta' dan il-process u jghid li l-allegazzjoniiet in desamina jaffettwawh kemm fil-hajja personali tieghu izda anke fil-professjoni tieghu ta' gurnalista. F'din ix-xhieda li kien ta quddiem din il-Qorti diversment preseduta nhar l-hmistax ta' Marzu 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Azzopardi et noe vs Felix Agius** kien qal illi hemm rendikont shih fl-accounts li johroġ fuq l-Istrina mill-PBS rigwardanti l-ispejjes illi '*Where's Everybody'* taghmel sabiex ittella dan il-programm. Ghal darb' ohra kkonferma li ma jircievi l-ebda hlas in konnessjoni ma' dan l-programm.

Nhar is-sbatax ta' Gunju 2004, l-attur rega xehed u spjega li kien jaf li s-socjeta '*Where's Everybody'* kienet ipprezentat kawza kontra min kiteb l-artikolu pero din tinsab deciza izda huwa hass li kellu jghamel din il-kawza ukoll ghax hass ruhu ingurjat personalment. Qal ukoll li s-socjeta tieghu kienet irrispondiet ghal dan l-artikolu u l-konvenut kien ippublika ir-risposta fl-istess gurnal.

Il-Qorti rat illi nhar it-tnejn ta' Marzu 2006 l-attur ipprezenta nota ta' osservazzjonijiet fir-registru ta' din il-Qorti.

Illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta nhar l-ewwel ta' Frar 2007 u b'digriet taghha tal-erbatax ta' Frar kienet ordnat il-partijiet u l-konsulenti taghhom sabiex jidhru quddiemha u jghamlu is-sottomissjonijiet finali taghhom sabiex b'hekk din il-Qorti tkun tista tghaddi ghas-sentenza fuq il-provi migbura.

Illi nhar l-hamsa w ghoxrin ta' April 2007 il-partijiet ittrattaw il-kawza u din giet mhollija ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi l-fatt li ta lok ghal din il-kawza kien li l-attur flimkien ma certu Joseph Azzopardi u Lou Bondi kienu hassewhom ingurjati u malafamati b'artikolu li deher fil-gazzetta 'Kulhadd' tal-harga 9 ta' Dicembru 2001 b'artikolu intitolat

“Ta’ Where’s Everybody Jaharbu” fejn fuq dan l-artikolu hemm ritratt ta’ l-istess Lou Bondi u Joseph Azzopardi. L-attur allega li dawn l-istess personalitajiet harbu milli iwiegbu certu mistoqsijiet.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta s-segwenti:-

1. Illi d-ditta Where’s Everbody ta’ kul sena torganizza programm maghruf bl-isem l-‘Istrina’ sabiex jingabru flejjes biex jinghataw lil karita.

2. Illi l-artikolist anonimu isostni li din id-ditta tiehu xi kummissjonijiet fuq il gbir li jsir waqt dan il-program.

3. Illi effettivament dan il-program huwa imtella mis-socjeta Public Broadcasting Services Limited (PBS) tramite bord zghir imwaqqaf proprju ghal dan il-ghan.

4. Illi l-accounts tal-flejjes li jigu migbura jigu ppublikati f’press conference u sahansitra anke kopja taghhom tinghata lil Press.

5. Illi dawn l-accounts huma *audited* minn *certified public accountant* skond il-ligi.

6. Illi ma jirrizultaw minn ezami ta’ dawn l-accounts illi jithalsu xi kommissjonijiet lil hadd.

7. Illi dan l-programm jittella minn numru ta’ nies li joffru s-servizzi taghhom b’mod volontarju u lil-PBS ma thallasx lid-ditta Where’s Everbody u lanqas lil xi membru kostituttiv taghha.

8. Illi l-pagamenti li jsiru mill-gbir ta’ l-istess fondi ikopru biss l-ispejjes u dawn jithalsu a bazi tar-ricevuti li jigu prezentati lill-istess PBS.

Illi ma jirrisultax kontestat li l-konvenut odjern kien l-editur tal-harga tal-gazzetta ‘Kulhadd nhar id-disgha ta’ Dicembru 2001ghalkemm ghazel li f’dawn il-proceduri

odjerni la jidher u wisq inqas iressaq il-provi tieghu in sostern tal-eccezzjonijiet sollevati minnu.

Konsiderazzjonijiet legali.

Illi l-principju applikabbli f'materja ta' libelli gew stabbiliti f'diversi sentenzi nostrana fosthom "**Martin Hili vs Felix Agius** (citaz. Numru 1767/97RCP PA 3 ta' Dicembru 1998), "**Ernest Tonna vs Felix Agius" (**Citaz. Numru 1755/97RCP PA 21 ta' April 1999) u "**Onor. Joseph Debono Grech v Joseph Zahra" (**Citaz. Numru 1739/98RCP PA l-1 ta' Lulju 1999), u **"Rev. Joseph Borg vs Felix Agius"(**Citaz. Numru 1840/97RCP PA 14 ta'Ottubru 1999) u ukoll **"Adrian Gardner vs Joe Mifsud"** tas-17 ta' Frar 2000 (Citaz. Numru 34/98RCP) fejn gew indikati l-binarji li ghandhom jigu segwiti skond il-gurisprudenza nostrali anke fid-dawl tal-Kostituzzjoni ta' Malta u liberta' ta' espresjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea tal-Bniedem fejn bl-Att XIV tal-1987, illum Kap. 319.

Illi fost il-principji illum stabbiliti jinghad illi l-iktar wiehed mill-importanti huwa l-bilanc li jrid jinzamm bejn "*il-bzonn li s-socjeta demokratika jithalla spazju sufficjenti ghall-liberta li wiehed jikkritika u li jsemmi l-opinjoni u l-gudizzju tieghu, mal-bzonn l-iehor, xejn anqas mehtieg, tad-difiza tar-reputazzjoni, l-unur, l-isem tajjeb,li kll persuna f'socjeta demokratika ghandu kull dritt li jgawdi."("**Vincent Borg vs Victor Camilleri et"***  AC 15 ta' Novembru 1994 – LXXVIII.II.I.372).

Illi huwa ghalhekk car li daqs kemm hija mehtiega l-liberta' tal-espressjoni, hekk ukoll hija essenzjali u huwa ukoll dritt inalljenabbli, li wiehed jipprotegi il-fama tieghu, bil-mezzi legali kollha disponibbli.

Illi kulhadd huwa liberu sabiex jaghti l-opinjoni tieghu u anke jaghti gudizzju tieghu, pero tali espressjoni ma ghandha qatt twassal sabiex jigu attribwiti atti lil xi persuna, b'mod li jattakkaw ir-reputazzjoni tal-istess u l-fama tieghu, meta tali atti lanqas ikunu veri.

Inefetti fis-sentenza "**<u>Onor. Charles Buhagiar vs Ray Bugeja</u>"**(PA, N.A 19 ta' Jannar 1996) li:-

"*Il-linja mediana fejn proprio d-dritt ta' espressjoni libera taccedi dak ragonevoli u ghandha tigi punita, ghax issir minflok ksur tad-drittijiet ta' haddiehor, huwa proprio… fejn l-espressjoni tigi bbazata fuq fatti skoretti."*

Illi f'dan il-kuntest id-differenza bejn 'allegazzjoni ta' fatt' u *'comment'* hija wahda illum stabbilita fil-gurisprudenza taghna.

"*F'materja ta' ingurja bl-istampa ghandha ssir distinzjoni ejn 'alleation of fact' u dak li huwa 'fair comment'. Biex tirnexxi d-difizatal-verita tal-konvicju, il-fatt ghandu jigi ppruvat. Il-'comment' biex ikun gustifikat irid ikun 'fair and bona fide,' u ma jistax jkun veru ."* **(<u>Reginald Miller vs Harold Scory</u>** – XXXVI.IV.843**).**

Illi ghalhekk ma tistax tirnexxi l-eccezzjoni tal-'fair comment', "*jekk ma jigux ppruvati sodisfacentement, il-fatti addebitati lil kwerelant, u ma tistax tirnexxi d-difiza tal-'justification' u jekk il-fatti ma jkunux veri, lanqas jista' jkun hemm 'fair comment' ("A**<u>nglu Camilleri vs Anthony Zammit</u>"** Vol XI.IV.1195; **"<u>Dr. Joseph M. Ciappara vs Joseph Zammit</u>"** PA. JSP 929/90 3 ta' Ottubru 1991.)*
Illi sabiex isir dan l-ezai wiehed irid jiehu l-kliem fis-sens normali w ordinarju taghhom, u dan ifisser "*in the meaning which reasonable or ordinary men of ordinary intelligence of world affairs, would be likely to understand them",* dan jista' jinkludi '*any implication or inference which a reasonable reader would guided not by any special butonly general knowledge and not fettered by any strict legal rules of construction would draw from the word.' "(J**ones vs Skelton"**(1963) W.L.R. pg 1371 PC).*
Illi fil-fatt ricentement inghad ukoll li anke jekk l-allegazzjoni ma tkunx giet espressament miktuba, izda mil-assjem tal-artkolu johrog car x'ikun qed jigi manifestament implikat hemm kawza ta' libel, jekk tali allegazzjoni ma jigux ippruvati. (**"Onor. Dr. Joseph Fenech vs Evarist Bartolo nominee"** A.C 8 ta' Gunju 1999**).**

Illi dan jista' jsir ukoll permezz ta' 'innuendo' li fil-kawza **"G.Strickland vs Goffredo Chretien"** (A.C. 12 ta' Frar 1937, XXIX.I.859) giet imfisra hekk:-

*"Il-kelma 'innuendo' tfisser is-sens li l-persuna ingurjata tirrevoka mill-kitba inkriminata u lli hija li tigi milqugh mill-guidikant".*

Fil-kawza "**l-Pulizija vs Joseph Olivieru Munroe" (**XXXIII.IV.824) jinghad illi:-

"*F'materja ta' ingurja permezz ta' l-istampa l-ingurja tista' tirrizulta permezz ta' 'innuendo'. L-'innuendo' jista jkun ta' zewg xorta jiggifieri:*

*a. dak li permezz tieghu tigi identifikata l-persuna li ma tkunx issemiet b'isimha, u*

*b. dak li permezz tieghu jigi stabbilit is-sens tal-kliem ritenut ingurjuz mill-persuna li tippretendi li giet ingurjata."*

Illi in oltre sabiex wiehed jasal biex jaghmel dan l-ezami jekk artikolu huwiex libelluz jew li wiehed "*ghandu jhares mhux biss il-bran denunzjat, imma l-artikolu kollu kemm hu lijikkontjeni tali bran. U f'din il-materja hu elementary li wiehed jikkonsidra mhux dak li setgha talvolta kellu f'rasu min kiteb l-artikolu, imam dak li fil-fatt kiteb, ghaliex dak li jaqra l-qarrej. **"Domenic Mintoff vs Thomas Hedley et"** PA 28 ta' Novembru 1953).*

Ikkunsidrat.

Illi in linea preliminari l-konvenut eccepixxa l-eccezzjoni proceduralі ta' *lis alibi pendens.* Illi kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet ***Crocifissa Sammut et vs Joseph Spiteri*** *deciza millprim Awla tal-Qorti Civili nhar 10 ta' Ottubru 2003 "l-principji ta' lis alibi pendens li fuqhom qed jibbaza ruhu il-konvenut, ilhom li gew stabbiliti fil-guriprudenza taghna u senjatament fis-sentenza ta' din il-Qorti (Qorti Prim Awla) b'refernza pero ghal kuncett ta' res judicata, li l-principji taghha huma l-istess bhal ta' lis alibi pendens, pero fl-ahhar kaz is-sentenza ma tkunx ghaddiet in gudikat.'* Hekk fil-kawza fl-ismijiet **"Registratur tal-Qorti Superjuri vs M of Time Limited "** ( deciza mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta Frar 2000) inghad li biex tissusisti *res judicata* irid ikun hemm *'aedem res', 'aedem causa petendi'* u *'aedem personae' u ghalhekk a skanz ta repitizjoni, din il-Qorti taghmel*

*referenza ghal dak li ntqal dwar l-istess, fis-sentenza citata dwar l-istess elementi.'*

Illi minn ezami tal-atti processwali ma jirrizultax li hemm kawza civili ohra bejn l-istess partijiet fuq l-istess suggett pendenti quddiem il-Qorti civili ai termini tal-artikolu 792 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk certament li din l-eccezzjoni ma ghandha ebda fundament guridiku.

Illi dwar it-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenut din il-Qorti mhiex ser tihu konjizzjoniulterjuri stante li din giet irtirata mill-istess konvenut fis-seduta tal-ewwel ta'Marzu 2002.

Illi fil-mertu l-konvenut eccepixxa principalment li l-artikolu in dizamina minnu riprodott fil-gazzetta minnu gestita hu wiehed li:

a. Mhux libelluz.

b. Jikkonsisti f'rpportagg gurnalistiku ta' interess pubbliku f'socjeta demokratika.

c. Jikkonsisti fi 'fair comment.'

Illi f'din il-kawza jirrizulta li l-konvenut kien l-editur tal-artikolu li gie pubblikat fil-gazzetta il-Kulhadd li bih l-attur hass ruhu ingurjat u malafamat. Illi minn ezami ta' dan l-artikolu jirrizulta bic-car li l-editur ried ighati impressjoni li l-attur ha xi kummissjoni minghand id-ditta Where's Everybody ghall-involviment tieghu fit-twaqqif tal-programm l-Istrina. In oltre ried ukoll ighati l-impressjoni li tramite l-apparenza filantropika tal-attur huwa qieghed jiehu xi gwadan finanzjarju. Illi m'hemmx dubbju ukoll li l-kliem 'omerta ghas-sagrificju tat-traparenza' uzati fil-konfront tal-attur huma ingujuzi fid-dawl tal-provi imresqa mill-istess attur fil-mori tal-kawza. It-titolu ta' l-artikolu stess jindika li d-ditta Where's Everybody ghandha xi haga x'tahbi bil-kelma 'Jaharbu'.

Illi jirrizulta ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti li dan il-programm mhu xejn hlief programm li jitella mill-PBS u jiddependi biss u limitatament fuq minn naha wahda ir-rieda tajba u bona volonta tal-organizzaturi/volontiera u minn naha l-ohra mill-participanti/ l-udjenza li jikkontribwixxu finanzjarjament sabiex ikun hemm success. Zgur li mhux 'fair comment' li tallega li bniedem qed jiehu flus ghax-xoghol volontarju li jkun qed jaghmel u dan ghaliex bhala fatt mhu veru xejn li l-attur thallas. Dan jirrizulta bic-cert minn ezami tal-accounts.

Illi huwa pacifiku li l-iskop ewlieni ta' gazetta hu li tippublika informazzjoni u idejat fuq materja ta' interess pubbliku kif allegat mill-konvenut pero huwa daqstant pacifiku li l-informazzjoni li tippublika tkun veritiera. Dan ghaliex il-liberta tal-istampa ma timplikax licenzja ghall-ingurja b'addebiti ta' fatti foloz intizi biss biex ihamgu l-fama u integrita ta haddiehor u ppublikati minghajr l-icken sforz ta' verifika.

Ghall fini tal-iffissar tad-danni l-Artikolu 28(1) tal-Kap 248 ihalli diskrezzjoni wiesgha, sa massimu ta' hamest elef lira Maltija (LM5,000) (vide "**Ernest Tonna vs Felix Agius" (**Citaz. Numru. 1755/97RCP deciza nhar 21 ta' April 1999). Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni is-sentenza mghotija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Joseph Azzopardi et vs Felix Agius** deciza nhar 11 ta' Frar 2004 fuq l-istess mertu fejn id-danni likwidati kienu fis-somma ta'tlett elef lira Maltin (LM3,000), pero f'dan il-kaz ma jidhirx li hemm ir-ritratt tal-attur ghad-differenza ta dak li kien hemm fil-kaz appena citata u ghalhekk ma kienx hemm dik il-prominenza li kien hemm fir-rigward tal-atturi f'dik il-kawza u ghalhekk hija tal-fehma li d-danni subiti mill-attur ghandhom ikun inqas u ghalhekk din il-Qorti sejra tillikwida d-danni fl- ammont ta' elfejn lira maltin (LM2,000).

GHALDAQSTANT ghal dawn il-motivi dinil-Qorti taqta' u tiddecidi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut salv t-tieni ecezzjoni li giet irtirata mill-istess konvenut seduta stanteminn liema eccezzjoni ghalhekk tstjeni mill tiehu konjizzjoni, tilqa t-talbiet attrici b'dan illi:-

1. Tiddikjara illi l-konvenut immalfama lill-attur bl-artikolu "Where's Everybody Jaharbu".

2. Tikkundanna konsegwentement lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont ta' elfejn liri Maltin (LM2,000) li qed jigu likwidati minn din il-Qorti ghal dan l-iskop ghat-tenur ta' l-artikolu 28(1) tal-Kap 248 tal-ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjes kontra l-konevnut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------